Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 12/2017

Il-Pulizija

Vs

Luciano Tabone

Illum 28 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Luciano Tabone detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 537057M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli mix-xahar ta' Marzu 2013 sax-xahar ta' Gunju 2016, fil-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. Naqas li jaghti lil Anna Tabone, is-somma, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal tliet xhur prigunerija. Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Luciano Tabone, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Jannar 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena u fi kwalunkwe kaz tibdilha dwar il-piena, ghar-ragunijiet premessi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Luciano Tabone huwa s-segwenti u cioè:-

1. Skont l-Artikolu 12 (2) tal-Kodici Kriminali il-massimu ta' detenzjoni huwa ta' xahrejn. Il-Qorti applikat piena tar-reat kontinwat, meta hu ma giex akkuzat fil-komparixxi li kien reat kontinwat. Imma anke kieku kien akkuzat ta' reat kontinwat, il-piena ma toghliex. L-Artikolu 12 (2) jghid li xahrejn huwa l-massimu, jekk ma jkunx specifikatament ordnat mod iehor. Issa l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali z-zieda ta' grad jew tnejn hija **fakoltativa ghall-Qorti.** Ghalhekk ma jissodisfax dak li jinghad fl-Artikolu 12 (2) li hemm xi piena specifikata. Dan barra li ma giex akkuzat ta' reat kontinwat.

2. Mart l-esponenti ippretendiet iktar minn dak li kien dovut. Kif inghad fil-fatti fil-qosor hemm tifla li digà tahdem, u anke qabzet it-tmintax-il sena. Dan qed jinghad ghal Maria Elena. Martu halfet minghajr ma ghamlet l-ebda riduzzjoni.

3. L-esponenti kif digà inghad huwa bniedem li jinsab bla xoghol u dan minhabba sahhtu. Kien dahal jahdem ma' Malta Enterprise, tah attakk f'qalbu u peress li kien fuq il-probation period ma hallewhx ikompli. Barra minn hekk jinsab taht kura.

**Dwar il-piena**

L-esponenti qatt ma kellu kundanna fuq dan ir-reat. U ma jidhirx li ghandu kondotta refrattarju. Martu dejjem ghamlet li riedet bih u sahansitra cahhditu milli jara lit-tifel.

Illum hu bniedem ta' sittin sena u ghalhekk il-potenzjal tieghu ghax-xoghol huwa negligibbli. Il-principju "nemo ad impossibilia tenetur" japplika ghal dan il-kaz ukoll.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2020.

Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) nhar it-30 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Anna TAbone pro et noe vs uciano Tabone fejn dik l-ONorabbli Qorti ghogbitha tikkudnnna lill-appellant ihallas is-somma ta' €47 kul gimgha ghal kul wild MAria Elena u Andre. Il-Qorti semghet lil **Anna Tabone** tghid li uleidha illum m'ghadhomx minrui u fil-fatt Andre ghandu tmintax-il sena wat li Maria Elena ghandha 22 sena. Spjegt li l-amnteniment imsemmi fil-koparixxi ghadu dovut u kkonfermat ukoll li uliedha kienu ghadhom minuri fiz-zmein indikat fil-komparixxi meta il-manteniment kien dovut u cioe bejn Marzu 2013 u Gunju 2016.

Semgeht ukoll lil Anna Taboen tikkonferma li l-ammont imsemmi bhala manteniment ghal perijodu Marzu 2013 sa Gunju 2016 ghadu dovut fl-intier tieghu.

Rat l-affidavit ta' WPS 22 Suzanne Mifsud fejn din spjegat li fit-28 ta' Gunju 2016 Anna TAbone kient irraportat gewwa l-ghassa tal Mosta li zewgha l-appellant ma keinx ta' l-

mantenuiment ghall-perijodu ta' bejn MArzu 2013 u Gunju 2016 liema manteniment kien dovut lilha f isem uliedha minuri. Spjegat ukoll li l-pulizija ipprovat taghmel kuntatt ma l-appellant u sahansitra anke halietlu 'letter to call' beix imur l-ghassa bie xikelmuh fuq dan ir-rapport izda dan naqas li jmur u b'hekk qalet li ma tkelmitx mal-appellant.

L-appellant kif kellu kul dritt ghazel li ma jixhedx biex jichad dak li qalet martu Anna Tabone lill-pulizija u fFuq il-pedana tax-xhieda quddiem l-ewwel Qorti liema xhieda ahharija ma giet dattilografata u kein ghalhekk li regghet xehdet nahr il-21 ta' lulju 2020 quddiem din il-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellant hu akkzuat bir-reat kontinwat ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment kif provdut fl-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jidher li nstab hati ta' din l-akkuza mill-ewwel Qorti b'sentenza taghha tas-16 ta' Jannar 2017 u gie kkundannat tlett xhur prigunerija.

L-appellant fir-rikors tal-appell jghid li skond l-artikolu 12(2) tal-Kodici Kriminali l-massimu perijodu ta' detenzjoni huwa dak ta' xahrejn. Jghid ukoll li l-ewwel Qorti applikat il-piena ta' reat kontinwat meta ma giex akkzuat bih u anke kieku z-zieda fil-piena hija fakoltativa skond l-artikolu 18 tal-kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

F'dan l-aspett jinghad li skond l-artikolu 12(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta verament jipprovdi li 'Meta ma jkunx xort'oħra speċifikament provdut, ebda żmien ta' detenzjoni m'għandu jkun iżjed minn xahrejn' pero f'dan il-kaz l-ewwel Qorti ma kkundannatx lill-appellant ghal detnzjoni ta' xaghrejn izda ghal prigunerija ta' tlett xhur. Dan ghamlithu ghaliex kuntrarjament ghal dak li stqarr l-appellant fir-rikros tal-appell teighu huwa gie akkzuat bl-aggravanti tar-reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skond l-artikolu 7(6) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta '*Kull liġi li tikkontempla t-tlugħ jew l-inżul minn piena għalohra titqies bħala li tirriferixxi għall-iskala tal-pieni u għad-*

*dispożizzjonijiet l-oħra tal-artikolu 31.'* Issa skond l-artikolu 31 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta *'it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijietisir għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur'*

B'hekk allura dan ifisser li stante li l-ewwel Qorti dehrilha li kellha zzid il-piena bi grad minhabba li l-appellant gie akkzuat bl-aggravanti tal-kontinwita allura dan ifisser li minn piena ta' xaghrejn detenzjoni setghet timponi piena ta' prigunerija li ma tkunx aktar minn tlett xhur u dan hu dak li ghamlet l-ewwel Qorti. Konsegwentement il-peina moghtija taqa' fil-parametri tal-ligi u ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi rspint.

Dwar it-tieni aggravju u cioe' li mart l-appellant Anna Tabone ppretendiet li ghandha tiehu aktar minn dak dovut lilha ghaliex bintha qabzet it-tmintax il-sena jinghad li mill-atti dan ma jirrizultax, Anzi jirrizulta l-oppost ghaliex jekk illum Maria Elena ghandha tnejn u ghoxrin sena fis-sena 2013 kellha sbatax-il sena u di piú s-sentenza ma tipprovdix li dan hu dovut biss sakemm l-minuri tghalaq tmintax-il sena u ghalhekk tali aggravju hu ukoll respint.

Dwar it-tielet aggravju u cioe' li l-appelant huwa bniedem li jinsab bla xoghol u dan minhabba sahhtu jignhad is-segwenti f'dan ir-rigward. Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar** [1] " kienet irriteniet testwalment hekk :- ."

......"*Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (Pol. vs. Lawrence Cutajar* [2]*- u Pul. vs. Carmelo Farrrugia* [3] *) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant. Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ………. kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul*

[1] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' Settembru, 1999

[2] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' MArzu 1995

[3] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998

*mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null. "*

*"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*

*1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*

*2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."*

*Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni. "*

Dik il-Qorti tghamel ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Mario Mallia"[4] fejn ukoll gie ritenut :-

*"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijietu effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal- Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens "Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia[5] , u l-Pulizija v. Carmelo Farrugia[6]. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."*

---

[4] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1998

[5] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 1995

[6] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs Alfred Camilleri**" [7] fejn ghamlet riferenza ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (Appell Krim. Pul. vs. Anthony Saliba[8];), fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant.

Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond is-sentenza tal-Qorti ta' nhar it-30 ta' Ottubru 2008 li kopja taghha tinsab esebita fl-atti.

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddecieda li ma jhallas xejn aktar u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu. Konsegwentement jekk huwa jidhirlu li l-potenzjalita teighu ghax-xoghol huwa negligibbli huwa ghandu jindirzza dan il-fattur quddiem dik il-Qorti li ghadnha is-setgha tiehu tali konjizzjoni.

Ma hemmx dubbju li jirrizulta ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li l-appellant naqas li jhallas il-manteniment dovut skond il-komparixxi u ghalhekk din il-Qorti qeda tikkofnerma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-mertu.

Fir-rigward tal-piena l-appellant jghid li l-piena kienet wahda eccessiva. F'dan ir-rigward din il-Qorti kif spejgat aktar il fuq tiddikajra li l-piena mposta taqa' fil-parametri tal-ligi u f'dan ir-rigward tfakkar lill-appellant li mill-ġurisprudenza ormai

---

[7] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Settembru 2002

[8] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1998

ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** [9] fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Ghalhekk stante li l-piena inflitta taqa fil-parametri tal-ligi u ma hemm l-ebda raguni valida 'l ghala ghandha tbiddel l-piena.

Il-Qorti ghalhekk qeda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukol lfir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[9] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Jannar 2001